2024/614

16.2.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/614

tat-13 ta' Frar 2024

dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribut ta' Stat terz għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) (EUTM Somalia/1/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja ([1]),

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti minn Stati terzi għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia).

(2) Skont ir-rakkomandazzjoni mill-Kmandant tal-Missjoni EUTM Somalia tal-UE dwar kontribut propost mir-Repubblika tal-Moldova u l-parir ipprovdut mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea f'dak ir-rigward, jenħtieġ li dak il-kontribut jiġi aċċettat u meqjus sinifikanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-kontribut mir-Repubblika tal-Moldova għal EUTM Somalia huwa aċċettat u meqjus sinifikanti.

2. Ir-Repubblika tal-Moldova hija eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit ta' EUTM Somalia.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2024.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
D. PRONK

([1]) ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16.